MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 26 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku tal-Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Sindku Żejtun | Is-Sinjura Doris Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Scott Camilleri, Sindku Darren Abela, , Sindku John Schembri u Sindku Steven Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**26.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

26.1.1 Il-President informa li Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand Sindku John Schembri, Sindku Steven Grech, Sindku Scott Camilleri u Sindku Darren Abela fejn spjegaw li ma setgħax jattendu.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' Laqgħa wieħed u għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

26.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Charlo Mifsud u s-sekondat mis-Sindku Josef Azzopardi, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

26.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali -Residenti Barranin**

Il-President informa li l-istudju ta' l-Valutazzjoni Impatt Soċjali ta' residenti barranin li huwa lest u fil-ġimgħat li ġejjien kien ser ikun aċċessibbli għal pubbliku. Huwa tenna li Kunsill Reġjonali kien laħaq ftehim ma Kunsill Reġjonali ta' Tramuntana sabiex tiġi organizzata konferenza fejn ħa jiġu diskussi ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ. Il-konferenza ser issir f'29 ta' Frar 2024 9.30am sa 12.00pm fil -Università il-Qadima il-Belt. Din il-konferenza ser issir b'kollaborazzjoni ma l-Università ta' Malta.

26.2.4 **Sejħa Espressjoni ta' interess -disinji ta' logo fuq tema saħħa tajba u l-benesseri**

Il-President informa li b'rabta ma sena li ser tkun tiffoka fuq tema ta' saħħa tajba u l-benesseri, ir-Reġjun kien ser joħroġ espressjoni ta' interess għad-disinji ta' logo sabiex tintuża matul din id-sena. Din is-sejħa ser tkun miftuħa għal artisti u disinjaturi ta' il- fuq min16 il-sena u li huma residenti ta' Reġjun. Il-fond dedikat għal min jirbaħ din is-sejħa qed jiġi propost li jkun ta' 700 euro.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**26.3 Komunikazzjoni mill-President;**

26.3.1 Il-President informa li ppreżenta is-somma ta' 1,200 euro lil Malta Community Chest Fund. Dawn il-fondi inġabru permezz tal- Pubblikazzjoni tal-Ktieb 'Il-Ġimgħa Mqaddsa - Wirt Komuni li Jgħaqqadna'. L-MCCF kienu grati li ngabru dawn il fondi u il Kunsill ingħata token bħala tifkira ta' dan il-ġest nobbli.

26.3.2 **Attività ta' b'rabta ma l-għeluq ta' skema Art for Elderly**

Il-President informa li l-iskema Art for Elderly li Kunsill Reġjonali kien wettaq flimkien ma Dipartiment responsabbli min Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità issa ġiet f'tmiem. Għalhekk sabiex niċċelebraw is-suċċess ta' din l-inizjattiva ser tiġi organizzata attività ġewwa Day Center ta' Żejtun nhar 29 ta' Jannar f'9.30am. Il-President tenna li Maniġer tal-Kultura bagħat imejl lil Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi bl-informazzjoni dwar din attività.

26.3.3 **Cir AKL 2024/007 u Cir AKL 2024/008 Poloz tal-Assigurazzjoni**

Il-President informa li Kunsill Reġjonali irċieva mingħand l-AKL fejn staqsew jekk il-Kunsill kienx ser iġedded il-poloz ta' assigurazzjoni li jkopru l- aċċidenti personali u flus kontanti/ ċekkijiet tal-Kunsilli Reġjonali u ta' l-Kunsilli.

Il-Kunsill qabel li dawn il-poloz jerġaw jiġġeddu.

26.3.4 **Ittra ta' ringrazzjament mingħand Directorate for Alternative Care (Children and Youths)**

Il-President informa li Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand id-Direttur responsabbli mill Alternative Care Remenda Grech. Fl-ittra, is-Sinjura Grech irringrazzjat lil Kunsill tal-ġest nobbli li r-Reġjun għamel waqt l-attività Qibla fejn inġabru 1,435 euro sabiex jgħinu li tfal f'kura alternattiva.

26.3.5 **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill**

President appella sabiex is-Sindki jibgħatu il-lista ta' l-attivitajiet li ser ikollhom matul is-sena sabiex jitnizzlu fil-kalendarju ta' Reġjun. Iktar informazzjoni dwar dan is-suġġett ntbagħtet b'imejl mill-Maniġer tal-Kultura.

26.3.6 **Fondi ta' għajnuna mill-Kunsilli għal ħarsien ta' annimali**

Il-President informa li l-uffiċċjal responsabbli mill kura u l-ħarsien ta' l-annimali għamel appell sabiex il-Kunsill jallokaw somma żgħira sabiex jikoppru l-ispejjes reltati ma' il-kura ta' annimali abbandunati. Il-President sostna li sabiex tikura dawn l-annimali jinvolvi ħafna spejjes u sfortunatament skema relatata ma xi tal-mediċini kienet spiċċat. Ħafna drabi l-uffiċċjal jħallas għalihom huwa kif ukoll jkopri l-ispejjes mid-donazjonijiet ta' skema BCRS.

26.3.7 **10th European Summit of Regions and Cities on 18-19 March 2024 in Mons**

Il-President informa li kien irċieva stedina sabiex jattendi 10th European Summit of Regions and Cities li kien ser issir ġewwa Mons f'Belgium.

26.3.8 **YOUTH NOMINATION REQUEST (EU Funded Project - Cultural Heritage)**

Il-President informa li kienet intbagħtet korrispondenza sabiex jiġi nominat żagħżugħ jew żagħżugħa biex jipparteċipaw f'proġett relatat ma Cultural Heritage. Sa data ta' l-għeluq il-Kunsill ma irċieva l-ebda nominazzjoni.

26.3.9 **Proġetti fil-Komunitajiet Skema 2024 - 2026**

Il- President għamel referenza għal l-iskema maħruġa mill -Aġenzija LESA - Proġetti fil-Komunitajiet Skema 2024 – 2026. Huwa kien qed jipproponi li għal din l-iskema il-Kunsill jista' jutilizza il-kunċett tal-proġett ta' l-underground skips għal l-iskart organiku. L-istaff maniġerjali ser ikunu qed jagħmlu Ir-riċerka neċessarja u jiġi deċiż jekk dan il-kunċett ikunx eliġibbli għal din l-iskema. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**26.4** **Item: Performance Bonus Staff Amministrattiv sena 2023**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tal-membri tal-istaff tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta' spjega tad-dokumenti u ppropona li l-membri tal-istaff kollha jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għax kollha qabżu l-aspettattivi tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

26.4.1 Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisals tal-membri tal-istaff b'mod unanimu

**26.5** **Item:** Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv 2023

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv li serva bejn 1ta' Jannar 2023 u 31 ta' Marzu 2023. Hu ta' spjega tad-dokumenti u ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabeż l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti

26.5.1 Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv b'mod unanimu

26.5.2 Segretarju Eżekuttiv infurmat lil President u lil Kunsill li kienet ser toħroġ mill kamra sakemm ikun qed jiġi diskuss il-performance appraisal tagħha.

26.5.3 **Item: Performance Bonus Aġent Segretarju Eżekuttiv 2023**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li serviet bejn 1ta' April 23 sa 30ta' Novembru 23 u bħala Segretarju Eżekuttiv bejn 1ta' Diċembru u 31ta' Diċembru 23. Hu ta' spjega tad-dokumenti u ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv attwali tingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabeżet

l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti

Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv b'mod unanimu

Is-Segretarju Eżekuttiv reġġet daħlet fil-kamra. Hija rringrazjat lil President u lil Kunsill ta' l-approvazzjoni u il-fiduċja.

**26.6** **Skeda ta' Pagamenti;**

26.6.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

26.6.2 Kien hemm astensjoni waħda fuq il -pagamenti 19,20,21,22,u 23. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Charlo Mifsud u sekondat Kunsillier Frederick Cutajar il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**26.7** **Rapporti**

26.7.1 **Ma kienx hemm rapporti**

**26.8** **Affarijiet Oħra**

26.8.1 Il-President ta' rendikont ta' modus operandi rigward il-finanzjament relatat ma l-ispejjes tal-ġbir ta' l-iskart. Huwa ta' spjega li ftehim bejn ir-Reġjuni u PROs għadu mhux konkluż. Għamel referenza għal fatt hemm bżonn li Kunsill jħallsu il-fatturi kollha sa l-aħħar ta' sena. Is-self ta' mid-DLG kien qed jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' dħul mingħand il PROs

Meta issir il-ftehim mal PROs il-Kunsilli jibdew jitħallsu lura

Is-Sindku Josef Azzopardi għamel tenna li jinsab id-diżapuntat li is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart ma tjiebx daqs kemm wieħed kien qed jistenna. Huwa stqarr li minħabba din is-sitwazzjoni astjena mill-pagament tal-kuntrattur

Il-Viċi President issuġġeriet li ir-Reġjun jagħmel laqgħa ma ' Direttur Ġenerali l-ġdid sabiex ikun

Is-Sindku ta' Zejtun talbet sabiex il-President j'għaddi kommunikat rigward in-nuqqas ta' fondi li m'għadhomx ikun allokati sabiex jintużaw għal proġetti. Hija tenniet li meta il proġetti ikunu marbutin ma skema hemm ħafna restrizzjonijiet. Għalhekk ħafna drabi ma tkunx faċli għal kunsill biex j'applika.

**26.9** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar2024

fil-5.30 pm.

Konfermati llum __20 ta'Frar 2024____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv